# Manifest ta’ prinċipji

**Żminijietna – Żgħażagħ tax-Xellug** (ŻŻX) huwa moviment li jwassal politika xellugija permezz ta’ attiviżmu fis-soċjeta’ ċivili. L-ideoloġija xellugija li jħaddan, tibbaża ruħha fuq l-ugwaljanza u l-ġustizzja soċjali. Nemmnu li kulħadd għandu jkollu l-opportunita’ li jemanċipa ruħu fis-soċjeta’ li tagħha jkun jifforma parti. Il-prinċipji ta’ dan il-moviment jinqasmu f’diversi aspetti;

**Demokrazija** – Iż-ŻŻX jemmen fid-demokrazija, fejn ikun il-poplu permezz tad-dritt tal-vot li jiddetermina min imexxi lis-soċjeta’ tagħna. ŻŻX irid jara demokrazija ħajja fejn;
- iċ-ċittadini jkunu dejjem aktar parteċipi fid-deċiżjonijiet li jittieħdu f’pajjiżna (eż. aktar użu ta’ referenda)
- il-parlament juża l-poteri tiegħu fl-oqsma soċjali, ekonomiċi u politiċi fl-interess taċ-ċittadin
- din tissaħħaħ fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u fl-istrutturi kollha ta’ l-istat

**Solidarjeta’** – Is-solidarjeta’, għal ŻŻX huwa wieħed mill-ingredjenti fundamentali fit-twettieq tal-progress. Il-moviment tagħna jħossu fid-dmir li juri solidarjeta’; ma’ dawk il-ħaddiema vittmi tal-prekarjeta’ u ta’ l-isfruttar; ma’ dawk il-minoranzi li f’pajjiżna jsibu l-id tad-dominanza ċċaħħadhom mil-liberta’ (eż. persuni omosesswali u persuni vittmi tal-vjolenza domestika); u ma’ dawk l-immigranti li jiġu f’pajjiżna għaliex ikunu qed jaħarbu mill-jasar u jkunu lesti jintegraw fis-soċjeta’ tagħna. Is-solidarjeta’ għandha tkun imħaddma wkoll fl-ekonomija, u b’hekk aħna rridu li l-‘welfare state’ ma tkunx żarmata, iżda minnflok msaħħa u addattata għall-eżiġenzi soċjali li magħhom qed naffaċċjaw illum il-ġurnata.

**Ekonomija** – F'socjetajiet kapitalisti, tezisti qasma bejn il-klassijiet socjali, fejn il-minoranzi ta' kategoriji ta' kapitalisti huma l-propjetarji tal-mezzi tal-produzzjoni, u fejn il-maggoranza li jinsabu fis-saffi varji tal-klassi tal-haddiema ibieghu x-xoghol taghhom. F'dan il-kuntest, tezisti tellieqa ta' produzzjoni li hi bbazata fuq l-isfuttar tal-haddiem u ta' l-ekologija, fejn il-klassi kapitalista tapproprija dak li hu prodott biex izzid il-qliegh taghha. Ghal kuntrarju ta' dan, nemmnu li mod ta’ produzzjoni iehor huwa possibli, fejn il-qasma ekonomika bejn il-klassijiet socjali tispicca, u b'hekk dak li jigi prodott jigi mqassam b'mod ekwu. L-ewwel pass ghal din it-tip ta' socjeta', hi dik ta' socjeta' socjalista fejn, permezz ta' politika egemonika u popolari, l-istat jinnazzjonalizza setturi b'importanza strategika, jiddefendi s-servizzi pubblici, u jinkoraggixxi koperattivi tal-haddiema. Dan ghandu jwassal biex progressivament jigu demokratizzati l-mezzi tal-produzzjoni sakemm tispicca l-qasma ekonomika bejn il-klassijiet socjali.

**Politika soċjali** – L-għan tal-politika soċjali għandu jkun ibbażat fuq il-kunċett ta’ l-ugwaljanza. Dan ifisser li l-istat huwa fid-dmir li jippromwovi politika soċjali universali li fl-istess ħin taqdi l-aspirazzjonijiet partikolari tal-mases. B’din it-tip ta’ politika soċjali l-istat ikun qed jippromwovi aktar; inklużjoni soċjali, ġustizzja soċjali, il-ħila tan-nies, u fl-istess ħin jipprevjeni l-esklużjoni soċjali u l-inġustizzji fuq gruppi fis-soċjeta’ li jkunu meqjusa bħala vulnerabbli. Fil-kuntest soċjo-politiku li għaddejjin minnu llum, inħossu li l-aħjar mod kif il-kisbiet tal-ħaddiema jibqgħu ikunu salvagwardjati huwa permezz tal-harsien tad-drittijiet ekonomici u socjali bhal ma huma id-dritt ghal; xoghol, paga dicenti, post fejn toqghod, trasport u edukazzjoni.

**Ambjent** – ŻŻX temmen fil-ġustizzja ambjentali fejn l-iżvilupp fuq ambjent rurali, urban, u naturali ikun sostenibbli u jimxi b'mod parallel mall-ġustizzja soċjali. Neżiġu; li l-ispekulazzjoni tal-bini u l-artijiet għandha tkun imrażżna; li l-ippjanar tal-bini jkun wieħed li joffri ambjent diċenti, fejn ir-resident ikun jista' jgħix ħajja ta' kwalita' għolja; li l-ekonomija tagħna tkun diversifikata b'tali mod li titnaqqas id-dipendenza mill-industrija tal-kostruzzjoni; li l-aċċess pubbliku għar-rikreazzjoni f'postijiet u siti bħal spazji miftuħa, il-kosta u f'postijiet ta' importanza kulturali ikunu garantiti għaċ-ċittadini kollha; u li t-trasport pubbliku jingħata mportanza, sabiex it-twaqqif ta' sistemi ġodda fi ħdanu jnaqqsu l-użu tal-karozzi privati f'pajjiżna. L-armonija bejn l-ekonomija, l-ekoloġija u s-soċjeta' huwa għalina l-kunċett li jagħti lok għal pjanar, u applikazzjoni ta' politika, li tirriżulta f'ambjent mill-aqwa. L-ambjent m'huwiex biss kwistjoni teknika jew legali, iżda fuq kollox hu kwistjoni politika.

**Globalizzazzjoni** – Il-moviment tagħna huwa favur il-globalizzazzjoni tal-ġustizzja soċjali u ta' l-ugwaljanza. Mill-banda l-oħra, il-moviment tagħna qatt ma jista' jkun favur il-globalizzazzjoni kapitalista li hija bbażata fuq; id-dominanza ta' swieq fuq oħrajn; sfruttament tal-ħaddiema; ħeġemonija li toħnoq id-diversitajiet etniċi u kulturali; qirda ambjentali; gwerer imperjalisti; u l-ħolqien ta' faqar.

**Edukazzjoni** – ZZX temmen li l-edukazzjoni ghandha tkun kollha provduta mill-istat, b'mod sekulari, sabiex tkun tista' tintlahaq l-edukazzjoni komprensiva. Is-sistema edukattiva m'ghandhiex tkun wahda selettiva u elitista, sabiex bl-ebda mod ma ccahhad lill-individwu milli jisfrutta l-potenzjal tieghu b'mod shih. L-isnajja' u l-artigjanat ghandhom jibqghu jinghataw l-ispazju li jixirqilhom fl-iskejjel taghna, sabiex il-hiliet ta' l-id jibqghu ikunu mhegga u jirrizultaw f'opportunitajiet ta' impjiegi. L-iskejjel ghandhom jinzammu aggornati rigward taghmir u metodi ta' taghlim. L-edukazzjoni hija htiega imprezzabbli ghas-socjeta' u b'hekk ghandha tinghata b'xejn lil kulhadd; u ghandha tkun ta' kwalita' gholja. ZZX hija favur l-involviment tal-komunita' fl-attivitajiet socjo-edukattivi sabiex jizdied il-kapital socjali.

**Paċi, Difiża u Sovranita'** – Dan il-moviment huwa tal-fehma li l-istrutturi militari fi ħdan pajjiż għandhom ikunu purament għodda ta' difiża minn theddida għas-sovranita' u d-demokrazija fit-tali pajjiż. B'hekk iż-ŻŻX topponi bis-saħħa l-użu tal-militar għal skopijiet ekonomiċi u ta' aktar poter politiku minn pajjiż fuq ieħor. Nemmnu li għandha ssir riforma totali fl-istruttura tal-Ġnus Magħquda li għadha tirrifletti ir-realta' tal-perjodu ta' wara t-tieni gwerra dinjija, u anke dik tal-gwerra l-bierda. Għandu jkun hemm politika multi-laterali u globali kontra d-dominanza ta' l-industrija ta' l-armamenti u kontra l-iżbilanċ politiko-militari fid-dinja. Fil-prattika, tali ftehim multilaterali jista' jsir permezz tat-tnaqqis f'baġits allokati għal skopijiet militari fil-pajjiżi parteċipanti, li jkunu mbagħad iddedikati sabiex tkun miġġielda il-bidla fil-klima.

**Tolleranza** – Il-moviment tagħna jħaddan il-valuri tar-rispett reċiproku, l-etika, il-pluraliżmu, u l-armonija fid-diversita'. Sabiex dan jintlaħaq tinħtieġ politika ta' inklużjoni soċjali.

**Kultura** – Iż-ŻŻX jħoss li l-arti u l-mużika huma għodda importanti sabiex dawn il-prinċipji (imsemmija hawn fuq) jkunu jistgħu jingħataw aktar ħajja u spirtu. Il-moviment tagħna jimpennja ruħu sabiex jippromwovi arti progressiva li fost oħrajn tippromwovi il-valuri msemmija f'dan il-manifest. Il-kultura hija l-espressjoni u l-mod ta' għixien tan-nies. Din m'għandha bl-ebda mod tkun meqjusa bħala kumdita', iżda għandha tkun meqjusa bħala waħda mill-ħtiġijiet li l-bniedem għandu f'ħajtu. Din m'għandhiex tiġi monopolizzata mill-ebda elit, klassi soċjali jew grupp dominanti u organizzazzjoni kummerċjali.

Jekk trid tagħmel kuntatt magħna tista' tibgħatilna e-mail f'dan l-indirizz; zzxmalta@hotmail.co.uk